**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 488/2019 AGV**

**AB (ID nru: 52891M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 372790M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB , datat 30 ta' Ottubru 2019 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 7 ta' Settembru 2014 (Ara dok A) anness u minn daz-zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi l-partijiet ilhom legalement separati, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja datat 15 ta' Dicembru 2019, u ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Maria Briffa (ara Dok B). Illi l-partijiet ilhom ma jghixu hajja konjugali bhala ragel u mara mizzewwgin ghal aktar minn erba' snin.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni u inoltre' illum ghandhom hajja totalment seperata minn ma' xulxin;
4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni ghal rigward ta' manteniment kif jirrizulta b' mod car mill-artikolu 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni citat.
5. Illi dawn il-fatt fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorjzu skont l-artikolu 66 B tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, umilment l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta CD datata 22 ta' Jannar 2020, fejn espona bir-rispett:**

1. Illi l-intimat Stefan Grech jaqbel mal-fatti kif dedotti mill-istess rikorrenti, u cjoe' li l-partijiet zzewwgu fis- 7 ta' Settembru 2014, u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
2. Illi l-kontendenti partijiet isseperaw de facto minn xulxin fil-bidu tas-sena 2016, izda sussegwentament, u cjoe' fil- 15 ta' Dicembru 2016, il-partijiet addivjenu ghal kuntratt ta' firda personali in atti tan-Nutar Maria Briffa, b' dan lli minn dik id-data ' l quddiem l-istess partijiet irregolaw de jure, l-aspetti kollha tas-seperazzjoni personali taghhom;
3. Illi l-istess partijiet illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn ma' xulxin, u ma jezisti l-ebda prospett ragenevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

4. Illi l-intimat irrinzunja ghad-dritt tieghu li jitlob u jottjeni manteniment minghand martu fil-waqt li r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tottjeni l-manteniment minghand zewgha;
5. Illi in vista tal-premess, l-intimat jaqbel mar-rikorrenti illi jinkorui l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi, ghal hall taz-zwieg u divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ghandu l-intimat x' jissotmetti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat illi gew soddisfatti r-rekwiziti skond il-ligi sabiex jighata d-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**